

ATTI LI L-PUBBLIKAZZJONI TAGĦHOM MHIJIEK OBBLIGATORJA

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (AFFARIJET ĠENERALI)

tal-1 ta' Diċembru 2009

li tistabbilixxi l-lista ta' konfigurazzjonijiet tal-Kunsill b'żieda ma dawk imsemmija fit-tieni u t-tielet subparagrafi tal-Artikolu 16(6) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea

(2009/878/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Wara li kkunsidra l-Protokoll dwar id-dispożizzjonijiet transitorji, u b'mod partikolari l-Artikolu 4 tiegħu,

Artikolu 1

Billi:

Il-lista ta' konfigurazzjonijiet tal-Kunsill imsemmija fl-Artikolu 4 tal-Protokoll dwar id-dispożizzjonijiet transitorji hija mniżżla fl-Anness.

(1) L-Artikolu 4 tal-Protokoll dwar id-dispożizzjonijiet transitorji jipprevedi li sad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew imsemmija fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 16(6) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea rigward il-lista ta' konfigurazzjonijiet tal-Kunsill, il-lista ta' konfigurazzjonijiet tal-Kunsill, barra minn dawk tal-Affarijiet Ġenerali u Affarijiet Barranin, għandha tiġi stabbilita mill-Kunsill tal-Affarijiet Ġenerali, li jaġixxi b'maġġoranza sempliċi.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-ġurnata tal-adozzjoni tagħha.

(2) Il-lista ta' konfigurazzjonijiet tal-Kunsill għet stabbilita mill-Kunsill (Affarijiet Ġenerali) fit-22 ta' Lulju 2002, bħala parti mill-Anness I għar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill u b'segwitu għal-lista li għet maqbula fil-Kunsill Ewropew li ltaqgħa f'Sevilja fil-21 u t-22 ta' Ġunju 2002.

Hija għandha tiġi ppubblikata fl-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-1 ta' Diċembru 2009.

(3) Sabiex ikun hemm konformità mad-dispożizzjonijiet tat-Trattati, huwa xieraq li din il-lista tiġi addattata, u għandha tiddaħħal fir-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill,

*Għall-Kunsill**Il-President*

C. BILDT

ANNEX

LISTA TA' KONFIGURAZZJONIJIET TAL-KUNSILL

1. Affarijiet ġenerali ⁽¹⁾;
2. Affarijiet barranin ⁽²⁾;
3. Affarijiet ekonomiċi u finanzjarji ⁽³⁾;
4. Ġustizzja u affarijiet interni ⁽⁴⁾;
5. Impjegi, politika soċjali, saħħa u affarijiet tal-konsumatur;
6. Kompetittività (suq intern, industrija u riċerka) ⁽⁵⁾;
7. Trasport, telekomunikazzjonijiet u enerġija;
8. Agrikoltura u sajd;
9. Ambjent;
10. Edukazzjoni, żgħażaġh u kultura ⁽⁶⁾.

⁽¹⁾ Din il-konfigurazzjoni hija stabbilita bl-Artikolu 16(6), it-tieni subparagrafu, tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

⁽²⁾ Din il-konfigurazzjoni hija stabbilita bl-Artikolu 16(6), it-tielet subparagrafu, tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

⁽³⁾ Inkluż il-baġit.

⁽⁴⁾ Inkluża l-protezzjoni ċivili.

⁽⁵⁾ Inkluż it-turiżmu.

⁽⁶⁾ Inklużi l-affarijiet awdjoviżwali.